# TIFKIRA TA'
# SIR THEMI ZAMMIT KT. C.M.G., M.D., D.LITT. (OXON)

I.

WARA ĦAJJA SABIĦA
TA' WIEĦED U SEBGĦIN SENA
MGĦODDIJA SA L-AĦĦAR SIEGĦA
F'XOGĦOL FEJJIEDI
BLA SOGĦBA U BLA BIŻA'
NIŻEL FIR-RAQDA TAL-MEWT
SIR THEM. ZAMMIT Kt. C.M.G., M.D., D.Litt. (OXON)
NHAR IS-SIBT
2 TA' NOVEMBRU, 1935.

II.

NISRANI BLA ĦABI
MA KISER QATT IL-WEGĦDIET
TAL-MAGĦMUDIJA
ANQAS MA TBIEGĦED QATT
MIT-TAGĦLIM TAR-RUĦ
LI GĦALLMITU OMMU
SA L-AĦĦAR NIFS GĦAŻIŻA

III.

MALTI F'QALBU U FI ĦSIEBU
XTAQ IL-ĠID
TAL-PAJŻANI KOLLHA
ŻGĦAR U KBAR TAL-LUM U TA' GĦADA
U ĦADEM BIL-GĦAQAL U BIS-SABAR
BIEX DIK IX-XEWQA
ISSEĦĦ U TITWETTAQ.

IV.

TABIB QALBIENI U GĦARRIEXI
FITTEX U SAB MA' ĦADDIEĦOR
IL-GĦERUQ TA' MARDA QALILA
LI BLA ĦAQQ U BLA XERQA
KIENET IL-GĦAJB TA' PAJJIŻU
U WERA KIF ID-DINJA
TISTA' TAĦRAB MILL-MARDA
U L-ISEM TA' MALTA
JISSAFFA.

V.

MGĦAXXAQ BIL-ĠRAJJA TA' PAJJIZU
KITEB L-ISTORJA TAGĦHOM
GĦALL-PAJŻANI TIEGĦU
BIEX MINNHOM JITGĦALLMU
L-EMNA IL-QALB U L-ĦILA
TA' MISSERIJIETHOM
GĦALL-ĠNUS BARRANIN
BIEX HUMA JIFHMU L-JEDD
LI GĦANDHA DIN IL-GZIRA
GĦALL-QIMA U GĦALL-ĠIEĦ
TA' L-EWROPA
U TAD-DINJA.

VI.

ĦADD IŻJED MINNU
MA SAB U FELA TIFKIRIET
TAL-ĦAJJA EWLENIJA
ĦSIEB EMNA XOGĦOL U SNAJJA'
TA' ĠENS IL-BNIEDEM.
MINQUXA FIL-BLAT
MIGBURA FL-EGĦRIEN
MAĦZUŻA FIL-FUĦĦAR
QARA STORJA
LI QATT FIŻ-ZMIEN MA NKITBET
U LI FTIT MILL-GĦORRIEF
KIENU JOBSRU BIHA.

VII.

MILL-FOMM TAL-PAJZANI
IMXERRDIN MAL-WILEĠ MAL-WIDIEN
U MAL-GĦOLIET XEMXIJA
ĠABAR IL-KELMA TA' LSIENNA
ĦAJJA FRISKA ĦAFIFA TAS-SAĦĦA
U SAWWAR BIHA
XBIHAT TA' ĦAJJET ĠENSNA
TA' TOGĦMA BNINA
LI QATT MA DDUB ĦLEWWITHA
U FIL-BINI
TAL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI
SAFA QOFOL MILL-ISĦAĦ.

VIII.

B'DEHEN SABIĦ
GĦAQAL KBIR U ĦEĠĠA TAL-GĦAĠEB
ĠABAR F'DAR WAĦDA
KULL MA JFAKKARNA FL-IMGĦODDI
TA' ART TWELIDNA
U WAQQAF HEKK GĦAL MALTA
XHIEDA BLA TMERIJA
LI HI BISS IS-SULTANA TAL-QEDEM
U GĦALIH MONUMENT
LI QATT XITA RIĦ U ŻMIEN
MA JISTGĦU JĠARRFU.

IX.

RAĠEL TA' FEHMIET TAJBA
ŻAMM QUDDIEM GĦAJNEJH
IT-TWISSIJA
LI ĦAFFIEF IL-GĦERF TAL-MOĦĦ
MINGĦAJR IT-TJIEBA TAL-QALB
U FITTEX DEJJEM
LI JGĦAQQAD FLIMKIEN
DAWN IŻ-ŻEWĠ ĦWEJJEĠ
FI ĦSIEBU FI KLIEMU F'GĦEMILU.

Dun Karm.